MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 62/2003

**l-Avukat Dr. Albert Libreri bhala mandatarju ta' l-imsiefra Vincenza Gwynn, l-Avukat Melvyn Mifsud bhala mandatarju tal-imsiefra Mary Theuma, Theresa mart Louis Xuereb, Edward Gruppetta, Marie Louise mart Joseph Cardona u Albert Gruppetta**

**vs**

**Emanuel sive Noel Bileci**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

Illi huma jikru lill-intimat il-fond kummercjali adebit bhala *hairdressing saloon* maghruf bl-isem "Relax Saloon" bl-indirizz 82, Triq San Bastjan, Hal-Qormi, bil-kera ta' hamsa u sittin liri Maltin (Lm65) fis-sena pagabbli annwalment bil-quddiem l-ewwel skadenza l-ewwel (1) ta' Ottubru, 2003.

Illi l-intimat biddel id-destinazzjoni tal-kirja bin-non uzu ghal diversi snin.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitolbu li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimat sabiex jizgombra mill-imsemmi fond fi zmien qasir u perentorju li lilu jigi prefiss.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 23 ta' April, 2003 kontra l-intimat li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra wkoll ir-risposta tal-intimat li tghid hekk;

Illi l-intimat jikri l-fond "Relax Saloon" bl-indirizz 82, Triq San Bastjan, Hal-Qormi liema fond huwa juza ghal-ghixien tieghu peress illi jopera bhala parrukkier mill-istess fond.

Illi l-allegazzjoni kontenuta fir-rikors promutur hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Illi kif jista' jigi ampjament ippruvat ma sar ebda tibdil fid-destinazzjoni tal-fond stante illi dan il-fond jinstab jigi operat regolarment u ta' kuljum. Illi jinghad illi kien hemm perjodi fejn l-intimat ma setax jahdem ghaliex kellu problemi f'sahhtu kif jista jigi kkonfermat waqt is-smiegh tar-rikors. Illi di piu dan il-fond huwa necessarju ghall-impjieg tal-intimat, kif ukoll ta' ibnu.

Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti ghadhom jigu respinti u l-kirja kkonfermata favu l-intimat.

Semgha l-provi;

Ra l-atti tal-kawza;

Ikkunsidra:

Illi r-rikorrenti huma sidien ta’ fond mikri mill-awtur taghhom lill-awtur tal-intimat, li ssuccieda fil-kirja, u li palezament qed jintuza bhala *hair salon*. L-ilment tar-rikorrenti domandanti r-ripussess tal-fond huwa dak ta’ bdil fid-destinazzjoni tal-fond bin-nuqqas ta’ uzu tieghu ghal mill-anqas erba’ snin konsekuttivi bejn Mejju tal-1999 u l-2003;

In sostenn tal-ilment taghhom, r-rikorrenti ressqu bhala provi ix-xhieda, *inter alia,* ta’ tnejn mill-ahwa sidien Vincenza Gwynn u Teresa Xuereb. Vincenza Gwynn li tirrisjedi fl-esteru xehdet illi prattikament tigi Malta darbtejn fis-sena ghall perjodu ta’ sitt gimghat u kull darba li giet kienet tmur tara l-hanut maghluq u meta ttawwlet gewwa rat biss imbarazz mal-art. Ohtha Teresa Xuereb offriet aktar dettall meta xehdet illi kull meta marret u tara l-hanut maghluq gieli staqsiet lin-nies ta’ madwar li infurmawha li l-fond ilu maghluq. Il-fond kien mizmum tajjeb minn barra izda minn gewwa kien jidher li ma kienx qed jintuza u kien jidher li kienu qed jintefghu karti u hadid minn bejn ix-shutters. Tlett ritratti esebiti a fol 17 juru l-hanut bix-shutter maghluq u bl-armaturi ta’ warajh vojta. Wara li kienet intavolata l-kawza odjerna, sar *refurbishment* tal-fond u issa jidher li rega’ qed jiftah regolament;

Sabiex isostnu l-aggravju taghhom, r-rikorrenti ressqu s-segwenti provi li jistghu jkunu sommati kif gej:

Mill-*employment history* tal-intimat registrat mal-Korporazzjoni ta’ Xoghol u Tahrig, jemergi illi l-intimat kien registrat bhala *full time self-employed hairdresser* mill-1985 sal-1999 u mis-sena 2000 kien registrat bhala direttur *self-employed full time.* Kien spjegat izda illi d-data tat-terminazzjoni minn *hairdresser* fl-1999 kienet imposta mill-Korporazzjoni mhux fuq informazzjoni mill-intimat izda ghaliex hija *policy* tal-istess Korporazzjoni li meta jkun registrat xoghol *full-time* iehor, f’dan il-kaz *company*

*director*, jitqies li l-ewwel impjieg ikun terminat. Ghalhekk tnizzlet il-postilla *“provisional termination in receipt of new full-time engagement form”;*

Mill-<u>kontijiet tad-dawl u ilma</u> u mix-xhieda tar-rapprezentanti tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, jemergi illi l-ahhar darba li kienu inqaraw il-*meters* tad-dawl u ilma kien fis-sena 1997. Igifieri fid-data li xehed fiha dan ir-rapprezentant, 23 ta’ Gunju 2004, l-*meters* qatt ma nqraw bejn iz-zewg anni ghaliex il-*meter reader* ma kien isib lil hadd fill-fond u l-ewwel li regghu inqraw kien fil-25 t’Ottubru 2004. Ghalhekk kienu jinhargu kontijiet bazati fuq estimi maghmulha fuq l-ahhar *readings* attwali. B’komputazzjoni tal-Bord, meta wiehed jestrapola l-figuri murija fid-dokument a fol 70 isib illi kwantu ghad-dawl, l-*meter* inqara l-ahhar fil-5 t’April 2000 b’qari ta’ 58123 *units*. Minn hemm ’l quddiem ma nqarax aktar hlief fil-25 t’Ottubru 2004 b’qari ta’ 62313 *units*. Meta jsir hekk isir aggustament fil-kontijiet biex jekk l-estimu kien in eccess tal-konsum rejali wara li finalment jinqara l-*meter*, l-konsumatur ikun kreditat bid-differenza, kif fill-fatt gara. Ezempju ta’ dan, jekk wiehed jiehu l-estimu fl-24 ta’ Novembru 2003 l-figura kienet ta’ 69733 *units* izda meta inqara l-*meter* fil-25 t’Ottubru 2004 l-qari attwali kien juri, kif gia inghad 62313 *units*. Issa dan il-Bord mhux daqstant interessat fil-kreditu dovut lill-konsumatur izda fil-konsum attwali tad-dawl f’hanut gestit bhala *hair salon*. Ghalhekk l-ammont ta’ 58123 *units* (qari attwali 5 t’April 2000) mnaqqas minn 62313 *units* (qari attwali 25’Ottubru 2004) jammonta ghall-4189 *units* ghall-perjodu ta’ erba’ snin u nofs. Issa 4189 *units* divizi b’1642-il gurnata jirrizulta f’konsum ta’ 2.5 *units* kulljum u dan meta, kif ser jinghad, l-intimat stess xehed illi fis-*salon* ghandu *airconditioning unit*, TV u *video player* li jkun ghaddej ghas-servizz tal-klijenti u accessorji ohra komunement misjuba f’negozju simili. Riferibilment ghal dawn l-attrezzi qed issir referenza ghar-relazzjoni tal-periti membri li waqt access mizmum fis-7 ta’ Frar 2006 kkonstataw illi fil-fond kien hemm sitt *neon light tubes*, TV, ghodda li tintuza in konnessjoni mal-qtugh tax-xaghar u *air-conditioning unit* flimkien ma’ *water heater* tal-elettriku. Xehed ukoll il-*meter reader*

li spjega li peress illi l-hwienet ikunu maghluqin meta jibda r-ronda tieghu fit-tmienja ta’ filghodu kien jerga’ jaccedi fin-negozju wara d-disgha u meta ma jsib lil hadd ihalli avviz li kien ser jerga’ jghaddi. Ikkonferma ukoll li l-fond in kwistjoni jinsab prattikament bieb ma’ bieb mal-ufficcju tal-*meter readers*. Dan ifisser illi l-intimat stess setgha, kieku ried, jiehu l-qari hu stess lil-Korporazzjoni meta jircievi avviz bhal dan [osservazzjoni tal-Bord];

Mix-xhieda tas-socjeta’ GO, jemergi illi kien hemm stallazzjoni ta’ linja fissa tat-telefon fil-fond in kwisjtoni izda mill-1 ta’ Jannar 1998 sal-1 ta’ Frar 2002 ma sar ebda uzu tat-telefon. Wara nuqqas ta’ hlas tal-kera ghal dan is-servizz, GO iddecidiet li tirtira l-istess servizz mill-fond in mertu. Ma kien hemm ebda linja ohra tat-telefon stallata f’dan il-fond wara li kien rtirat dan is-servizz;

L-intimat prezenta stampa differenti ghal dik postulata mir-rikorrenti sidien minkejja li *ex confessis* jikkoncedi li l-fond ghamel xi zmien maghluq izda ghar-ragunijiet ta’ mard. Huwa kien ilu zmien twil jahdem f’dan il-fond sas-sena 2003. Peress illi jaghmel hinijiet twal fuq saqajh zviluppa problemi f’dahru u fis-17 ta’ Ottubru 2009 ssubixxa interventi kirurgiku ghat-tnehhija ta’ kumulu ta’ vini [f’ wahda minn saqajh] skond Dok NB5 u NB6. Illum ghandu lin-neputi tieghu u lil ibnu jahdmu mieghu izda bejn l-2000 u l-2003 kien jahdem wahdu u ma kellu lil hadd biex izomm il-hanut miftuh meta jkun mugugh. Huwa minnu li kien naqqas il-hinijiet tax-xoghol fuq ordni tat-tabib (Dok NB7) izda qatt ma zamm il-hanut maghluq. Fis-sena 2000 ghamel rinnovament shih fil-hanut bi spejjez kbar u ghalhekk ma setghax kellu l-intenzjoni li jnaqqas mill-hinijiet tax-xoghol. Malli kien servut bl-avviz tal-procedura odjerna fis-sena 2003, l-intimat ha ritratti tal-fond ridekorat ghaliex ma setghax jemmen dak li kienu qed jallegaw r-rikorrenti (Dok GB9 sa GB16). L-intimat esebixxa ukoll dokumenti konsistenti f’kontijiet ta’ dawl u ilma mis-sena 2000 sal-2009 (Dok NB8 sa

NB16) biex juri li l-konsum tieghu huwa baxx ghaliex ghad li ghandu klijentela kbira il-maggior parti tax-xoghol tieghu huwa qtugh tax-xaghar tal-irgiel;

Giorgio Bileci, neputi u impjegat tal-intimat, xehed illi ilu mpjegat ma' zijuh mill- 1 ta' Novembru 2003. Hafna qabel dik id-data, izda, kien dejjem ikun fil-hanut *de quo* ghaliex kien determinat li jibda jaghmel dan ix-xoghol. Zijuh qatt ma hallieh jaqta' xaghar qabel ma kwalifika izda qabel dan kien jassistih f'affarijiet zghar bhal tahlit taz-zebgha tax-xaghar, hasil tax-xaghar u jiehu hsieb izomm il-flus lill-klijenti biex zijuh jibqa' ghaddej bix-xoghol. Qabel l-impjieg tieghu, zijuh kien ikun tant mugugh li gieli ma fetahx il-hanut. Wara li dahal fl-impjieg kien jiftah il-hanut hu meta l-intimat kien ikun mugugh u jista' jinghad li minn dakinhar l-hanut qatt ma nzamm maghluq. D-dokument GB9 sa GB16 juru l-istat tal-hanut meta dahal jahdem fih hu, meta allura kien gia sar *refurbishment* u d-dokument GB17 sa GB 22 juru l-istat tal-hanut wara li regghet saret ridekorazzjoni [allura fl-2009].

Tyrone Bileci, iben l-intimat u mieghu impjegat *full time* mill-2009, xehed illi minn dejjem kien ikun prezenti fil-hanut ta' missieru meta ma jkunx skola;

Grezzju Abela, huwa klijent u habib tal-familja tal-intimat ghal zmien twil tant li jafu jitghallem jaqta' x-xaghar. Jaf ukoll meta fetah il-hanut l-ewwel darba fl-1983 u kienu segwewh il-klijent ta' fejn kien impjegat qabel il-Hamrun. Huwa jaf bil-problemi serji li kellu f'dahru u fejn kultant kellu jaghlaq il-hanut minhabba f'hekk. Dan ix-xhud kien iqatta hafna hin ghand l-intimat ghaliex kien *boarded out* u joqghod ftit 'l isfel mill-hanut;

Ikkunsidra:

Illi r-rikorrenti sidien qieghdin jistriehu fuq il-premessa li hemm bdil fid-destinazzjoni tal-fond minhabba in-nuqqas ta' uzu tieghu ghal xi zmien mill-intimat. Issa kif wisq drabi ritenut minn dan il-Bord, il-kompitu tieghu f'kawzi ta' din in-natura hu li jasal ghall-konkluzzjoni jekk kienx hemm nuqqas ta' uzu u jekk ghandux dak in-nuqqas ikun ekwiparat ghall-bdil fid-destinazzjoni tal-fond. Fl-istess waqt jehtieg ukoll li jkun skrutinat jekk kienx hemm xi gustifikazzjoni ghal dak in-nuqqas b'mod li jista' jkun evitat l-estrem tal-izgombru. Dan ghaliex kif tinsenja l-gurisprudenza, n-nuqqas ta' uzu ta' fond jista', izda mhux necessarjament, jekwipari ghall-bdil fid-destinazzjoni tieghu li konsegwentement jista' jgib fuqu l-estremi tal-izgombru skond l-artikolu 9(a) tal-Kapitolu 69 tal-ligijiet ta' Malta, ara in rigward l-kawza **Alan Kyle noe vs Mary La Rosa et App Civ 23.11.2005** u **Edward Spiteri -vs- Dr. Kalcidon Zammit M. D.**, Appell, 16 ta' Dicembru 1968. Indubjament dak li rriteniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Mary Borg vs Invicta Ltd (96/200 App 1.12.2004)**, huwa bil-wisq applikabli ghal-dak appena kunsidrat u ghall-kaz hawn devolut: ".. *huwa ferm pacifiku illi l-premessa tan-non uzu hi kawzali sostanzjalment ta' fatt. In fatti huwa principju accettat fid-duttrina u fil-gurisprudenza kopjuza taghna fuq is-suggett illi l-kerrej li ma juzaw il-post ma jkunx qed juzah skond id-destinazzjoni tieghu. Dan in bazi ghall-insenjament tal- Laurent "non si usa della cosa seconda la sua destinazione non usandone". Ara* ***Kollez. Vol XXXIV PI p164; Vol XXXVI PI p141 u Vol. XLV PI p196****. Ciononostante din l-affermazzjoni, gie b'danakollu ammonit illi anqas ghandu jigi minsi dak li wkoll gie hafna drabi osservat mill-Qrati taghna illi l-precitat principju mhux assolut u ma joperax awtomatikament izda, f'kull kaz, ghandhom jitqiesu ic-cirkostanzi tieghu. Hekk gie deciz illi "biex in-non uzu jammonta ghall-uzu divers hemm bzonn li jghaddi tul ta' zmien, valutabbli skond ic-cirkostanzi tal-kaz, u li jkun voluntarju u mhux determinat minn xi gustifikazzjoni ragonevoli" ("***Rocco Caruana vs**

***Albert Cauchi", Appell, 6 ta' Dicembru 1968**). Inghad in tema illi "l-principju ma japplikax meta jkun hemm gustifikazzjoni xierqa fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u partikolarment meta c-cirkostanzi jkunu tali li, inter alia, verosimilment ma jaghtux lok ghal dak id-deprezzament li hu ghab-bazi tal-principju" ("**Edmund Spiteri vs Dr. Kalcidon Zammit" Appell, 16 ta' Dicembru 1969**)".*

Fl-isfond ta' dan l-insenjament, il-Bord ikkonsidra illi r-rikorrenti ressqu dawk il-provi biex juru li l-fond kien maghluq ghal-perjodu bejn l-1999 u l-2003 u dan, kif gia diskuss, bid-deposizzjoni ta' tnejn mir-rikorrenti u dik tar-rapprezentanti tal-GO plc, Water Services Corporation, ETC u l-*meter reader*. Dan tefa' l-oneru tal-prova fuq l-intimat li, kif sintettizat *supra*, jichad li kien halla l-hanut maghluq hlief ghal xi mumenti qosra u dan minhabba li kellu problemi f'sahhtu senjatament f'dahru u f'saqajh. Skond l-intimat u x-xhieda tieghu, l-fond qatt ma thalla maghluq izda kien jispetta lill-intimat jispjega b'mod konvincenti certu incertezzi fl-esposizzjoni tal-fatti. Huwa accettat illi x-xhieda tar-rapprezentant tal-ETC mhi xejn konklussiva ghaliex ix-xhud stess stqarr illi dik kienet entratura provizzorja fir-registru billi l-Korporazzjoni tassumi li ma jistghax ikollok zewg impjiegi *full time*. F'dan il-kaz, izda, li tkun direttur ta' kumpanija mhux necessarjament ifisser li inti okkupat fizikament *full time* u ghalhekk din il-parti tal-provi m'ghandhiex tinghata xi piz tali ta' konvinciment. Wara kollox l-intimat spjega li kien missieru li dahhlu bhala azzjonist fil-kumpanija Frans Autodealer ghaliex kien ser jirtira u semma li kien direttur fi tlett kumpaniji ohra;

Dak li ma tantx deher konvincenti, izda, hu l-ispjega tal-intimat dwar il-konsum tant baxx ta' dawl u ilma f'dak il-perjodu kif gia konsiderat aktar qabel. Mistoqsi imbaghad ghaliex fir-rendikont tal-VAT ghas-snin 1999 u 2000 hemm indikat Nil return, spjega illi dak kien zmien meta l-*accountant* tieghu kien indispost u kienu l-impjegati tad-Dipartiment tal-VAT li tawh struzzjonijiet biex jindika li ma kellu ebda

servizz taxxabbli ghal dak il-perjodu u li dan mhux korrett. Haga din li fl-fehma tal-Bord mhix daqshekk plawsibbli u kien jehtieg li tkun korroborata ghaliex tista' tkun korroborata mod iehor la darba r-*return* timtela a bazi ta' dokumenti ohra. Wara kollox, moghti aktar zmien qabel l-ahhar kontro-ezami, l-intimat stess stqar "*sal-lum la ghandi spjegazzjoni u lanqas dokumenti biex nuri illi fil-fatt ghamilt qliegh f'dak il-perjodu".*

L-istess jinghad dwar l-indisposizzjoni tal-intimat minhabba l-inkonvenjent f'darhu u saqajh. L-intervent kirurgiku li ssubixxa biex inehhi vini zejda f'saqajh sehh fis-sena 2009 u mhux fl-1999. Jekk din l-inkonvenjenza gia kienet prezenti fl-1999 tippoza ruhha wahidha d-domanda ghaliex dam ghaxar snin biex jikkura ruhu jekk fl-1999 l-ugiegh kien tali li igieghlu jaghlaq il-hanut anke jekk ghal ftit granet. Dan qed jinghad ukoll fil-kuntest tad-dokument NB5 li huwa rapport tal-kundizzjoni medika tal-intimat fl-2004. L-intimat jghid ukoll illi kellu problemi f'darhu u dwar dan, oltre d-deposizzjoni tieghu, ta' ibnu, tan-neputi u tal-habib garr tieghu, prezenta kopja ta' certifikat mediku (Talba ghall-Beneficcju ghall-Mard) Dok NB6 li minn dak li hu decifrabbli ghaliex bil-kemm jidher xejn fuqu, dan jirreferi ghall-ezami mediku li sehh fis-sena 2009 u ma hemmx indikat ir-raguni tal-marda. Id-dokument NB7 imbaghad huwa aktar qrib il-posizzjoni kif postulata mill-intimat billi dan huwa kopja ta' ricevuta mahruga fl-Awissu tal-2000 minn specjalista li jsemmi fix-xhieda tieghu. Fuq l-istess dokument hemm kopja ta' notament mediku maghmul fis-7 ta' Lulju 2000 li frankament kien jehtieg aktar spjega ghaliex huwa miktub in kodici ta' termini medici. Dak li jista' jinqara fuq dan in-notament, izda, hu li dan jirreferi ghall-Noel Bileci, 37 *years*, *car dealer*. Naturalment dan id-dettall ma setghax ikun maghruf mill-ispecjalista jekk mhux mill-intimat stess, altrimenti jehtieg spjegazzjoni ulterjuri mill-istess intimat. Issa minkejja l-problema medika f'dahru ma hemm xejn aktar x'juri dwarha hlief ricevuta ta' vizita ghand specjalista u meta mistoqsi in kontro ezami ghal aktar dokumenti wiegeb li l-ispecjalista infurmah li ma johrogx certifikati. Anke hawn,

l-intimat jonqos serjament mill-aspett ta’ kredibilita’ ghaliex jekk dan kien il-kaz dejjem setgha harrek lill-ispecjalista biex jixhed dwar il-kundizzjoni medika tieghu;

Il-Bord ma jlumx lir-rikorrenti fl-ilment taghhom ghaliex wara li intavolaw ir-Rikors f’Lulju tal-2003 graw diversi hwejjeg li lkoll juru li l-intimat kellu ripensament dwar l-istat tal-hanut minnu gestit. Huwa ghamel *refubishment* fl-istess sena pero’ m’ghadux ricevuti biex juri li sar dan minkejja li ghandu *accountant*;  l-konsum tad-dawl u ilma rega’ ghan-normal fl-istess sena; in-neputi Giorgio Bileci ghamel l-course baziku tal-*hairdressing* u ottjena l-ewwel certifikat f’Dicembru 2003 izda dahal bhala impjegat mal-intimat f’Novembru tal-2003 minkejja li kien ilu snin jittama li jibda jaqta’ x-xaghar bhal zijuh.

Fis-sentejn l-aktar krucjali relevanti ghall-kawza odjerna, l-intimat rregistra *nil return* mad-Dipartiment tal-VAT izda dan kien dovut ghal zball ghax hekk tawh parir li jaghmel l-impjegati tad-Dipartiment u dan meta l-*accountant* tieghu kien indispost, b’kumbinazzjoni ghal sentejn wara xulxin; Anke it-tabib tieghu ma kienx dispost li jirrilaxxja certifikat tal-kondizzjoni medika ta’ dahru u la tela’ jixhed l-*accountant* u lanqas it-tabib.

Huma dawn ic-cirkostanzi kollha li ma huma xejn konvincenti da parti tal-intimat la darba l-oneru tal-prova kien fuqu wara li r-rikorrenti skontaw dan l-oneru fil-grad rikjest.

Ghal dawn il-motivi, l-Bord qed jilqa’ t-talba tar-rikorrenti u ghal fini ta’ zgumbrament qed jipprefigi zmien sittin (60) jum mil-lum.

L-ispejjez ghandhon ikunu sopportati mill-intimat.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------